

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 187/2016

tat-23 ta' Settembru 2016

li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE [2018/445]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu, Billi:

- (1) Id-Direttiva 2014/28/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mad-disponibbiltà fis-suq u s-superviżjoni ta' splussivi ċivili (riformulazzjoni) ⁽¹⁾ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Id-Deċiżjoni 2014/28/UE tħassar id-Direttivi tal-Kummissjoni 93/15/KEE ⁽²⁾ u 2004/57/KE ⁽³⁾, li huma inkorporati fil-Ftehim ŻEE u li konsegwentament għandhom ikunu imħassrin skont il-Ftehim ŻEE.
- (3) Għalhekk, l-Anness II tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Kapitolu XXIX tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. It-test fil-punt 1 (id-Direttiva tal-Kunsill 93/15/KEE) għandu jiġi sostitwit bi:

"**32014 L 0028:** Id-Direttiva 2014/28/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mad-disponibbiltà fis-suq u s-superviżjoni ta' splussivi ċivili (riformulazzjoni) (ĠU L 96, 29.3.2014, p. 1)."

2. It-test tal-punt 3 (id-Direttiva tal-Kummissjoni 2004/57/KE) jiħassar.

Artikolu 2

It-test tad-Direttiva 2014/28/UE bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, għandu jkun awtentiku.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-24 ta' Settembru 2016, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Settembru 2016.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Bergdís ELLERTSDÓTTIR

⁽¹⁾ ĠU L 96, 29.3.2014, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 121, 15.5.1993, p. 20.

⁽³⁾ ĠU L 127, 29.4.2004, p. 73.

(*) Ma huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.